MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2014

Numru 485/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs.**

**Alamouri Ahmed Miloud**
**Elamuorai Muohand Ramdan Ahmed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

**Alamouri Ahmed Miloud**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, bin Miloud u Marian neé Alamouri, imwieled Tripoli fit-8 ta' Awwissu 1990, residenti Peter Flats, Flat 8, Triq Santa Rita, tas-Sliema u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 108349A

u

**Elamuorai Muohand Ramdan Ahmed**, ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Ramada u Fawzia neé Barkousa, imwieled Tripoli fit-12 ta' Mejju 1992, residenti Peter Flats, Flat 8, Triq Santa Rita, tas-Sliema u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 117389A

akkuzati talli:

1. nhar is-17 ta' Mejju 2014, ghall-habta tal-05:30hrs ta' filghodu gewwa Triq Depiro, Sliema, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeġ haddiehor, mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69), imma huwa izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) ghad-dannu ta' Dr. Mark Vassallo, detentur tal-Karta tal-Identita' 253180(M), u ghad-dannu ta' Victor Sammut, detentur tal-Karta tal-Identita' 89248(M), u dan bi ksur ta' Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kienu fi stat ta' sokor, qalu kliem oxxen u/jew indicenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, u dan *ai termini* tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il Qorti giet mitluba sabiex tigi imposta garanzija fuq l-imputati sabiex josservaw kull kundizzjoni li tigi imposta fuqhom, u dan *ai termini* tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammettu li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u

semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni tagghom.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-ammont li jsir riferenza ghalih fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati gie mhallas miz-zewg imputati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom, il-fatt li l-imputati hallsu l-ammont li jsir riferenza ghalih fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u, kif ukoll, dak li wassal lill-imputati jikkomettu l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 325(1)(b), 338(bb) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta issib lill-imputati Alamouri Ahmed Miloud u Elamuorai Muohand Ramdan Ahmed hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b′applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta′ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perijodu ta′ liberta′ kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta′ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta l-atti kollha ta′ dawn il-proceduri u kopja ta′ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------